**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 149/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clyde Carabott**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Clyde Carabott, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 551486M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-31 ta' Lulju 2019 għall-ħabta ta' 5:30hrs:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;
4. Saq jew pprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
5. Saq jew pprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-propozjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mill-limitu preskritt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet

numru 4 u 5, wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe il-Kap. 65, Art. 15(1)(a), sabitu ħati tal-imputazzjoni numru 2 ossia' tas-sewqan b'mod perikoluz (komprizi fiha l-imputazzjonijiet numru 1 u 3) u kkundanatu jħallas multa ta' seba' mija u ħamsin ewro. *Inoltre*, il-Qorti swalifikatu ukoll milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-10 ta' April 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex (i) tirrevoka s-sentenza appellata tal-21 ta' Marzu 2023 in kwantu sabitu ħati tal-ewwel tlett akkuzi miġjuba kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija u (ii) alternattivament u mingħajr preġudizzju, tvarja l-piena nflitta għal waħda inqas, inkluz fejn jirrigwardja s-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illib'mod ewlieni l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dan għaliex ma kien hemm ebda prova in atti illi jagħti xi ħjiel dwar sewqan perikoluz *o meno* minn naħa tiegħu, u għalhekk zbaljat meta qieset li jezisti l-element tal-perikolozita'.

Illi, huwa *ormai* prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Sabiex isir dan l-eżerċizzju, għalhekk, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha ezebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab

f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant ġie misjub ħati ta' sewqan perikoluż, traskurat u bla kont, dwar liema reati tezisti ġurisprudenza kostanti u kopjuza. Fil-fatt l-Ewwel Qorti tagħmel referenza għall-insejmanet tramandat fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud"[2] li iddefiniet is-sewqan perikoluż meta dan ikun hekk għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza *o meno* ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel.

Illi, naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. *In oltre*, ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz.[3]

IL-kompjant Imħallef Joseph Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[4], ukoll fisser id-definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li –

> **Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997.

[3] Vide "Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain", deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju, 1950.

[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971.

**regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.**

Illi, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tanya Sacco"[5], il-Qorti qalet li anke jekk persuna għandha d-dritta xorta waħda għandha zzomm *a proper look out* għal kull inċident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat. *In oltre*, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Renald Vella"[6] ingħad li "**Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.**"

Illi, l-appellant jisħaq li ma nġabu l-ebda provi li juru li huwa kien qed isuq b'mod perikoluż, tant li ġie saħansitra lliberat mill-akkuzi dedotti kontrih li kien qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol.

Illi, il-Qorti ma tistax taqbel ma' din it-teżi difenzjonali billi l-inċident ma kienx każ sempliċi ta' persuna lil ħabtet f'*generator* li kien jinsab fit-triq *ut sic*! Lanqas ma tista' taqbel illi ma hemmx provi fir-rigward tad-dinamika kif seħħ dan is-sinistru stradali billi kien hemm bosta xhieda li osservaw lill-appellant isuq b'veloċita' elevata tant illi ma irnexxielux iwaqqaf tempestivament, ħabat fil-*generator* li kien hemm fit-triq u li kien qed ikun utilizżat mill-ħaddiema li kien hemm fuq il-post, tant illi tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu li spiċċat imdawwra fid-direzzjoni l-opposta tat-traffiku minn fejn kienet qed tinstaq.

Illi mill-provi prodotti, jirriżulta li nhar il-31 ta' Lulju 2019, il-Pulizija Ezekuttiva ġew infurmati li kienet seħħet ħabta ft Triq Mikiel Anton Vassalli, l-Imsida u meta rrikorrew fuq il-post sabu vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni CLD-486 fuq il-lemin tat-triq, imdawwra kontra d-direzzjoni tat-traffiku u fuq in-naħa l-oħra, sabu trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni SCB-018 li kellu marbut miegħu "*tower light*" u li minnu beda niezel ħafna diesel. Irriżulta ukoll li s-sewwieq tal-vettura Ford Fiesta, u ċioe' l-appellant, kien indarab f'dan l-inċident u kien ittieħed l-isptar għall-aktar kura.

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 1986.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2014.

Illi, mill-atti jirriżultaw ukoll diversi testimonjanzi mogħtija minn ħaddiema li kienu propju qed jaħdmu fit-triq fejn seħħ is-sinistru stradali. Jason John Axiaq stqarr li dakinhar tal-inċident huwa kien xogħol f'*Regional Road* għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu meta **"...f'daqqa waħda nisma' lil xi ħadd jgħajjat 'arem arem' u daħlet karozza head on fuq il-din tal-lights li kellna għal ġot-trakk".** Minn naħa tiegħu, Mario Agius, li ukoll kien xogħol dak il-ħin qal – "**Jien qiegħed nindika l-karozzi kollha biex jaqilgħu il-barra ... karozza minnhom ġiet għal fuqna. Jiena ngħajjat arem arem ... daħal ġol kompressur li jkollu l-ispot light**". Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk dina l-vettura filfatt waqfitx jew le, l-istess Agius qal "**Le baqa' dieħel bla brake. U minn magħna ezatt. Jiġifieri ma qatilnix lilna għall-ftit**". Huwa xehed ukoll li l-vettura *de quo* kienet qed tinstaq b'veloċita' b'saħħitha, fatt li ġie anke kkonfermat minn John Aquilina, li ukoll kien xogħol fil-ħin tal-inċident li xehed hekk – "**Rajna karozza ġejja b'veloċita għal ġo fina u baqgħet dieħla ġot trakk tal-kuntrattur li kien hemm generator ġo fih**". Fl-aħħarnett, Daniel Rosier Desira, li ukoll kien xogħol fil-post tal-inċident *de quo*, xehed – "**Konna qegħdin hemmhekk lesti biex niġbru t-tabelli għal xil-ħabta tal-5. U kull ma smajt 'arem arem' u nara dawl qawwi u xi ħaġa ħamra ttir ħdejn saqajja**". Huwa iċċara li din il-"*ħaġa ħamra*" li kien qed jitkellem dwarha kienet il-vettura l-ħamra li ħabtet fit-trakk, u ċioe' il-vettura li kienet qed tinstaq mill-appellant.

Illi, għalhekk huwa inkontestat li l-appellant kien is-sewwieq tal-vettura il-ħamra fil-ħin li seħħ l-inċident in kwistjoni, tant li anke sofra ġrieħi fuq persuntu kawża tal-istess inċident. Mill-provi prodotti, irriżulta ukoll li mill-ispezzjonijiet li saru mill-Pulizija Ezekuttiva ftit wara l-inċident, fl-istess triq kien hemm is-sinjali tat-traffiku li kienu qed jindikaw li qed isiru x-xogħolijiet u dana propju sabiex l-utenti tat-triq jkunu konxji li filfatt kien hemm dan l-ostakolu fil-karreġġjata tat-traffiku. Għaldaqstant, l-Qorti tinsab moralment konvinta li l-appellant ma kienx qed iżomm *a proper lookout*, kif *del resto* obbligat jagħmel, tant illi lanqas osserva s-sinjali fit-triq, ma naqqasx il-veloċita' li biha kien qed isuq, liema veloċita' kienet waħda elevata, tant illi meta ħabat fil-*generator* id-daqqa kienet tant qawwija li huwa tilef il-kontroll tal-vettura li daret fuq innifisha u spiċċat tħares fid-direzzjoni l-opposta minn fejn kien ġej. Il-ħaddiema kollha li kienu fuq il-post qablu fil-verżjoni tagħhom li l-appellant

kien qed isuq b'veloċita eċċessiva u li ma uzax il-*brake* u dina l-Qorti ma tara l-ebda raġuni 'il għala għandha tiddubita minn din il-verzjoni tal-fatti mogħtija minnhom, u li għalhekk tista' iġġiegħlha titbiegħed mill-fehma tal-Ewwel Qorti u l-apprezzament minnha magħmul tal-provi.

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, senjatament dik ta' multa ta' €750 u skwalifika tal-liċenzja għall-perijodu ta' tlett xhur. L-appellant jikkontendi li tali piena hija waħda eċċessiva, speċjalment tenut kont tal-fatt li huwa "*first-time offender*" kif ukoll li għandu bzonn l-liċenzja tas-sewqan sabiex jagħmel ix-xogħol tiegħu.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[7] .

Illi, fir-rigward tal-piena erogata tal-multa ta' €750 imposta fuq l-appellant, l-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, jistabbilixxi l-parametri tal-piena in kwistjoni bħala dik ta "**multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien**". Għaldaqstant il-*quantum* tal-multa mposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi u lanqas ma jista' jingħad illi tqarreb lejn il-massimu stipulat fil-Liġi.

[7] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, fir-rigward tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan, s-sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi–

> **(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, uf'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta'mhux anqas minn sena.**

Illi, għalhekk l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan hija piena konsegwenzjali għal sejbien ta' ħtija li hija tassattiva fuq il-Qorti, bl-Ewwel Qorti tgħaddi biex tapplika propju t-terminu minimu ta' din l-iskwalifika tassattiva stipulata fil-Liġi u dan wara li l-appellant kien misjub ħati ta' sewqan perikoluż. Għaldaqstant, tenut kont tas-suespost, dina l-Qorti ma tqisx li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandha tiġi varjata.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bit-terminu għall-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn għada fid-9:00a.m.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**